# Madrid – Spain

4 t'ijiem

**Gruppi A: 15 – 18 t'Awwissu B: 12 - 15 ta'Settembru Ċ: 10 - 13 ta'Ottubru**

**Madrid, Toledo, Aranjuez, Avila, Valladolid, Segovia..**

**L-Ewwel Jum** Niltaqgħu mat-tour leader fis-04.20 fl-ajruport internazzjonali ta' Malta għat-titjira FR 5383 għal **Madrid** li titlaq fit-05:50 u naslu fid-08.40. Wara jkollnatluq lejn Il-belt ta' **Aranjuez** li tinsab fuq ix-xmara Tajo ġiet iddisinjata u żviluppata fis-seklu sittax mir-Re Philip II li kien hu li tagħha dehra tal-llum. L-importanza ta' din il-belt sabiħa mimlija ġonna, kanali u palazzi kibret mhux bi ftit fis-seklu tmintax taħt il-monarkija tal-familja Bourbon. Din ukoll kienet residenza uffiċjali tar-renjanti fis-Sajf. Naraw ir-Royal Palace u l-ġmiel ta' Aranjuez Gardens. Inżuru wkoll iċ-ċentru storiku fejn naraw il-knejjes Sant Antonio kif ukoll il-kwartier Pavia. Nkomplu lejn iċ-ċentru ta'**Madrid** u check-in. Sistemazzjoni tal-kmamar. **Grupp A > Hotel Catalonia Atocha 4 stars - B, Ċ > Inhala Hotel Garden 4 stars**

**It-Tieni Jum** Breakfast u wara jkollna '**Panoramic & Walking' city tour** madwar Madrid, fost l-oħrajn naraw 'The Royal Palace' li huwa wieħed mill-isbaħ fl-Ewropa, Plaza Mayor, il-funtana La Cibeles u Neptuno, Plaza de Colon, Puerta Del Sol, Estadio Santiago, Bernabeu, Europa Towers, Azcai, Plaza De Oriente, Gran Via u l-katidral mibni fuq stil Gotiku La Almudena.

**It-Tielet Jum** Buffet Breakfast u eskursjoni mill-isbaħ lejn iż-żona tant sabiħa u muntanjuża ta' Sierra De Guadarrama u l-ewwel waqfa tagħna tkun fil-belt ta' **Segovia.** Din il-belt kienet importanti ħafna fi żmien ir-Rumani u fiha kienu jgħixu r-renjanti.Naraw l-akwadott mibni mir-Rumani fl-ewwel seklu u li huwa twil 800metru b'għoli ta' 30metru. Naraw ukoll il-katidral li jinsab fi Plaza Mayor u l-kastell medjevali u famuż Alcazar (entratura mhux inkluża) li oriġinarjament kien inbena bħala fortizza. Minn hawn, inkomplu lejn il-belt t' **Avila** li hi l-belt kapitali tar-reġjun bl-istess isem u hija mdawra bi swar u ffortifikata bi 88 torri. Fost oħrajn, hawn naraw il-katidral li nbena fis-seklu tnax u l-Bażilika San Vincente u il konvent relatat ma Santa Tereża. Nirritornaw lura Madrid. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

**Ir-Raba' Jum** Wara l-breakfast tluq lejn il- belt ta' **Toledo** li tinsab fuq għolja fil-parti ċentrali ta' Spanja u li hija kkunsidrata bħala belt ġojjell tal-pajjiż u magħrufa bħala ta' tlett kulturi minħabba l-fatt li għal mijiet ta' snin, Kristjani, Lhud u Għarab għexu flimkien. Dawn ħallew wirt kulturali bħal knejjes, sinagogi, palazzi, moskej u fortizzi. Flimkien mat-tour leader inżuru ċ-ċentru storiku bit-toroq dojoq imserrpin mimlijin bini bi stil t'arkittetura diversa li jagħtu karattru uniku lill-belt. Naraw ukoll il-katidral El Greco (entratura mhux inkluża). Opportunita' li nagħmlu vjaġġ bit-Toledo Train Vision (extra) li jdum madwar 45minuta, jkollna ħin liberu għal shopping u personal sightseeing. . Għall-ħabta tat-17.30 transfer lejn l-ajruport ta' Madrid għat-titjira KM587 titlaq fis-21.30 u naslu lura Malta fil-0015

**Prezz Kull Persuna**
**Taxxi u eskursjonijiet inklużi**

| | **Prezz Skontat** |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | € 770 |
| Kamra ta' żewġ persuni | € 770 |
| Kamra ta' persuna waħda | € 995 |
| Tfal sa 11-il sena ma' żewġ adulti | € 700 |

**Prezz Jinkludi:**

- Titjira mal-KM Malta Air għall-Madrid
- 20 Kg Check in Luggage + Hand lugguge
- 3 Iljieli fil- Hotel 4 stars – fiċ-ċentru
- Buffet breakfast kuljum
- Eskursjonijiet kollha mħallsa
  (esklużi l-entraturi, cable cars)
- Taxxi tal-ajruport
- Insolvency Protection
- Tour Leader

EUROPA TOURS
31 St Anne Str. Floriana Tel. 21243562 – 21250526